KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61

L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024. Il-laqgħa bdiet fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dominic Grima | Sindku |
| | Darren Lynch | Viċi Sindku (onlajn) |
| | Ivan Bartolo | Kunsillier |
| | Rita Delezio | Kunsilliera |
| | Yvonne Arqueros | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Neville Camilleri | Kunsillier |
| **Assenti:** | Steven Axisa | Kunsillier |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (S.E.) |

KUNSILL LOKALI PAOLA

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

**61.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

61.01.01 Is-S.E. informa li l-Kunsillier Camilleri kien informah li ma kienx jista' jattendi minħabba appuntament mediku. Fiċ-ċirkostanzi dawk preżenti qablu li l-Kunsillier Camilleri għandu jitqies bħala skużat.

**61.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 60**

61.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 60 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Delezio tipproponi u l-Kunsillier Bartolo jissekonda.

**61.03 Komunikazzjoni u Korrispondenza mis-Sindku**

61.03.01 Is-Sindku nforma li konna rġajna bgħatna ittra lill-Awtorità tal-Artijiet rigward il-bini taċ-ċentru ċiviku u fil-fatt dan tnaddaf. Huwa qal ukoll li konna tlabna ukoll illi sabiex jinqatghu l-abbużi, għandu jkun hemm kanċell li almenu jingħalaq fil-għaxija. Tlabna wkoll sabiex peress li għoliet l-art tal-garaxxijiet, jitranġa l-aċċess għal fuq is-saqaf tal-garaxxijiet fejn hemm is-suq. Rigward il-*hoarding* ta' Triq il-Foss, is-Sindku nforma li konna ktibna lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex dan jitranġa sabiex jiġi eliminat kull periklu.

61.03.02 Rigward it-toroq is-Sindku nforma li bħalissa kien għaddej ix-xogħol fi Triq Ħal Luqa kif ukoll fi Triq Tramuntana u ser jibda x-xogħol fi Triq l-Isqof Pietru Pace. Rigward Triq il-Belt Valletta, x-xogħol inbeda f'Settembru u hija waħda mill-iktar toroq li fiha servizzi. Dawn jinkludu wkoll it-trinek tal-pompi mill-Marsa jiehdu fost oħrajn għall-*Clinic* il-ġdida u partijiet minn dawn it-trinek kienu fil-wiċċ u kellhom jitbaxxew. Huwa kompla jgħid li minħabba bini ġdid kif ukoll *sub-station* li nbena dan l-aħħar, l-Enemalta ser tkun qed tgħaddi t-tielet *cable* u x-xogħlijiet mistennija jieħdu madwar xahar ieħor.

61.03.03 Rigward Ġnien Tony Bezzina s-Sindku nforma li x-xogħol fuq l-*iSkate Park* miexi ġmielu u dan għandu jitlesta sa l-aħħar ta' Frar. Wara jibqa' li jsiru l-ħitan kif ukoll xelter li nstab fl-akkwati ser jigi nkorporat mal-proġett. Rigward il-proġett tal-latrina awtomatika, t-*tender* gie ppubblikat u jgħalaq fid-29 ta' Jannar u wara li jsir l-aġġudikar tal-offerti, jinbdew ix-xogħlijiet li ser jinkludu anke *lift*. Rigward Ġnien Silvio Parnis, bħalissa qed insegwu mal-Perit sabiex jipprovdilna l-informazzjoni neċessarja sabiex nkunu nistgħu noħorġu t-*tender*. Dan il-ġnien ser ikollu *gym* għat-tfal u ieħor għall-adulti kif ukoll *Basketball Court* żgħir. Huwa semma wkoll li l-aħħar parti ta' Triq Kampanella li tagħmel ma' Paola tlestiet ukoll filwaqt li x-xogħol fuq iz-zuntier ta' Sant' Antnin miexi wkoll.

61.03.04 Rigward il-Proġett tal-Kawzi Ġusti huwa qal li -sena l-oħra kienet suċċess fejn ingħataw € 24,000 lill-*Community Chest Fund*, € 5,000 lil *Puttinu Cares* u € 2,500 lid-Dar tal-Providenza. Huwa żied li din is-sena diġà tajna € 3,500 lid-Dar tal-Providenza u f'Jannar ser issir attività oħra fit-30 ta' Jannar b' risq *Puttinu Cares*. Il-Viċi Sindku rrimarka li ma kienx infurmat b'din l-attività u xtaq li għal

darb'oħra l-Kunsillieri għandu jkollhom informazzjoni minn qabel. Is-Sindku nforma li setgħa kien hemm nuqqas min naħa tiegħu li ma avżax lill-Kunsillieri qabel ma ġie ppubblikat il-*poster*. Huwa nforma li fl-okkażjoni tal-karnival kienet ser tittella' attività fis-7 ta' Frar u din ser tkun simili ta' attivitajiet li tellgħu fi snin oħra. Anke din l-attività ser tkun b'risq *Puttinu Cares*.

61.03.05 Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar il-Korsijiet tal-*Life Long Learning*. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Arqueros għandha tara mas-S.E. għal liema korsijiet ser napplikaw.

61.03.06 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Skema għar-Restawr. Is-Sindku ssuggerixxa li flimkien mal-Kunsilliera Arqueros għandna nkellmu lill-Kappillan sabiex ssir applikazzjoni għar-restawr tal-faċċata tal-Knisja ta' Santa Ubaldeska.

61.03.07 Korrispondenza mingħand il-LESA sabiex jiġġedded il-ftehim li kien sar fl-2021. Il-Kunsill qabel li għandna nġeddu kif propost.

**61.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

61.04.01 Il-Viċi Sindku staqsa jekk ix-xogħol fi Sqaq Galluzzu hux ser isir it-tul kollu jew le. Is-Sindku nforma li Infrastruttura Malta (IM) kienu qed jaraw dwar dan il-każ però huwa jaqbel li l-isqaq għandu jsir kollu u mhux parti biss.

61.04.02 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jaqbel li d-data ta' Jum Paola jibda jsir fil-jum propju jiġifieri fl-20 ta' Lulju. Huwa qal ukoll li ġie avviċinat sabiex jitwaqqaf kumitat fl-okkażjoni tal-400 sena mit-twaqqif tal-lokalita'. Is-Sindku ssuggerixxa li peress li dan il-jum ser ikun f'leġislatura oħra, għandu jkun Kunsill ġdid li jiddeċiedi dwar id-data. Dwar il-Kumitat huwa qal li anke hawn għandna nħallu f'idejn Kunsill ġdid iktar u iktar meta l-400 anniversarju ser jiġi ċċelebrat fl-2026.

61.04.03 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi *update* dwar is-Suq. Is-Sindku spjega li konna qed nistennew ċirkulari dwar is-suġġett mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali però sa issa din għadha ma ħarġitx. Ġie deċiż li għandna nkomplu nsegwu.

61.04.04 Il-Viċi Sindku staqsa jekk ħarġux xi skemi min naħa tal-LESA għal xi fondi bħal ma ħadna fir-rigward ta' Ġnien Lorry Sant. Rigward dan is-suggett is-Sindku nforma li konna għadna qed nistennew komunikazzjoni.

61.04.05 Il-Viċi Sindku irrimarka dwar xi fondi li l-Banda 11 ta' Frar għadhom ma tħallsux għal xi servizzi li pprovdew fis-snin passati. Is-Sindku nforma li huwa jinsab sorpriż dwar din l-informazzjoni peress li kull meta l-Kunsill jitlob servizz, dan dejjem tħallas. Huwa kompla jżid li wara li talab waħda mill-impjegati sabiex tindaga dwar il-każ, irriżulta li kien hemm ċekk li baqa' ma ssarafx u jista jkun li s-Soċjetà ma ressqitx il-kontijiet lill-Kunsill.

61.04.06 Il-Kunsillier Bartolo staqsa fiex wasalna dwar Triq it-Tarzna, Triq Santa Monika u Triq Lampuka. Is-Sindku nforma li kif jaf kulħadd is-sajf li għadda kien hemm problema bis-sistema tal-elettriku u dan il-fatt rebaħ fuq proġetti oħra peress li l-

Gvern ser jaħdem sabiex isaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tad-dawl sas-sajf li ġej.

61.04.07 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kienx hemm xi żviluppi dwar il-Pjazza. Is-Sindku nforma li kif kien informa fil-passat, kienu saru diversi taħditiet mal-ex-Ministru Aaron Farrugia u issa li nbidel il-Ministru huwa diġà talab laqgħa miegħu sabiex jiddiskuti diversi suġġetti fosthom il-Pjazza.

61.04.08 Il-Kunsilliera Delezio ilmentat dwar xelter perikoluż fi Pjazza Santa Ubaldeska u issuġġeriet li jsir b'wiċċ tal-ħġieġ. Is-Sindku nforma li li kien avża qabel illi ladarba jitlesta Ġnien Lorry Sant jibda jsir xogħol fi Pjazza Santa Ubaldeska u għal dan il-għan konna qed naħdmu sabiex inġibu *quotations* fosthom sabiex jinbidel id-dawl. Rigward ix-xelter qed nistennew xi *quotations*.

61.04.09 Il-Kunsilliera Delezio issuġġeriet li ssir tabella dwar il-ħmieġ tal-klieb fi Pjazza Santa Ubaldeska. Is-Sindku nforma li fl-akkwati ser isiru tabelli simili għal dawk li hemm fi Ġnien Lorry Sant.

61.05.10 Il-Kunsilliera Arqueros issuġġeriet li ix-xelters għandhom jitnaddfu u jkunu aċċessibbli sabiex ikunu jistgħu jinfetħu għall-pubbliku. Is-Sindku nforma li x-xelters mhux ser jingħalqu u l-ħsieb huwa li dawn jibqgħu aċċessibbli.

61.05.11 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet x'ser jiġi mill-funtana li hemm fi Pjazza Santa Ubaldeska. Is-Sindku nforma li għad irridu naraw x'ser isir u meta jkollu aktar informazzjoni, jinforma lill-Kunsill.

61.05.12 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-bieb tal-*Green Corridor*. Is-Sindku nforma li dan il-bieb baqa ma nfetahx u jinsab infurmat li l-permess twaqqa mill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa żied li diġà nforma lill-Perit sabiex jekk terġa ssir applikazzjoni, ssir oġġezzjoni mill-ewwel.

61.05.13 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-leġislazzjoni tal-BCRS. Is-S.E. informa li kienu għadu ma kkonfermax però kien talab laqgħa ma' uffiċċjal tal-BCRS dwar is-suġġett imma sa issa konna għadna mingħajr data għal din il-laqgħa.

## 61.05 Attivitajiet

61.05.01 Is-Sindku irringrazzja lil-dawk kollha li attendew u ikkontribwew għall-proġett Għal-Fondi Ġusti. Huwa qal li minn meta beda dan il-proġett, il-Kunsill ġabar madwar € 175,000.

## 61.06 Approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2024 (*Draft*)

61.06.01 Is-S.E. informa li kien qed jitlob lill-Kunsill sabiex japprova l-Estimi Finanzjarji sabiex ikun jista' jintbagħat lill-*accountant* sabiex isir fil-format uffiċċjali. Huwa qal li minn dak ippreżentat waqt il-Laqgħa tal-Lokalita' kien hemm xi tibdil żgħir fejn tidhol l-allokazzjoni u s-salarji. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Kunsill Lokali Paola

**61.07** *Performance Appraisal* **Segretarji Eżekuttivi**

61.07.01 Is-S.E. spjega li għal din is-sena l-*Performance Appraisal* jinvolvi 4 persuni minħabba li kien hemm kien hemm is-S.E. li spiċċa f'Lulju, 2 Deputati S.E. u hu. Wara diskussjoni qasira, dawk preżenti approvaw li s-S.E. kollha jinghataw il-massimu ta' 10%. Is-S.E. irringrazzja lil dawk preżenti f'isem il-kollegi.

**61.08** **Rapporti**

61.08.01 Is-Sindku nforma li l-Proġett Ikber Magħna li jsir ġewwa l-bini tal-uffiċini l-antiki tal-Kunsill sejjer tajjeb ħafna għax minn 6 studenti issa telgħu għal 25 u issa ser jibdew jużaw is-sala l-kbira.

61.08.02 Is-Sindku nforma li kien rċieva talba li jibdew isiru lezzjonijiet dwar in-nutrizzjoni ġewwa l-bini tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil.

**61.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 61**

61.09.01 L-iskeda ta' Pagamenti numru 61 ġiet approvata unanimament.

**61.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

61.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:05 p.m.. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fl-4:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024.**

IFFIRMATA

____________________________

**Dominic Grima**
**Sindku**

IFFIRMATA

____________________________

**Fabian Mizzi**
**Segretarju Eżekuttiv**